MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1151/2004

**Fogg Insurance Agencies Ltd (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha John Jones abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess John Jones (ID 843550M)**

**Vs**

**Mary Louise Caruana**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1ta' Gunju 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm664.87 sitt mija erbgha u sittin Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident awtomobilistku li sehh gewwa Lija nhar il-5 ta' Frar 2003.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub ta' sitt mija u erbgha u sittin Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm664.87) jirrapprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur John Jones assigurat tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' hames mija u disgha u tmenin Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm589.87), is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75) l-istess John James in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Frar 2003 ghall-habta tal-10:30pm gewwa Triq il-Mosta, Lija bejn il-vettura propjeta` ta' l-attur John James, bin-numru ta' registrazzjoni KBF 128 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni CAJ 093, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 4 ta' Frar 2004 u ta' l-ittra ufficjali li qed tinbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tal-4 ta` Frar 2004 kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-incident tat-traffiku li sehh fil-5 ta' Frar 2003 gewwa Hal Lija ma' garax tort u htija tal-esponenti, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi huwa kontestat l-esistenza ta’ vettura ta’ terza persuna li suppost gieghlet lil konvenuta tirreagixxi kif ghamlet. L-assikurata tas-socjeta attrici tinnega pero` bil-manuvra ta’ skiddjar u wara li qabzitha, daret u spiccat fiha. Da parti taghha, il-konvenuta tallega li kien minhabba din it-terza karozza hija hadet “evasive action”, daret u l-attrici spiccat dahlet go fiha.

Illi huwa pacifiku li dakinhar tal-incident, kienet niezla hafna xita – l-art kienet “slippery”. F’cirkostanzi simili, ghandha tigi adoperata attenzjoni u prudenza massima fis-sewqan.

Kienet x’kienet ir-raguni jekk hux vettura ohra jew le, il-konvenuta spiccat iddur u ma taghat l-ebda cans lill-attrici biex tevitaha. Ghal din il-manuvra, l-attrici ma kellhiex tort. F’ kazijiet simili ma japplikax il-principji solitu ta’ “safe distance” bejn vettura u ohra, u/jew “proper look out” billi l-manuvra tal-konvenuta ma kenitx wahda ta’ normalita` fil-kors tas-sewqan. Il-manuvra inaspettata ghall-ahhar u l-mod kif daret issorprendiet lill-attrici b’tali mod li kienet inevitabbli d-daqqa. Ghal dan is-sinistru ghandha tirrispondi unikament il-konvenuta.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat, pero` sal-ammont ta’ Lm 564.87 (hames mija erbgha u sittin Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) li minnhom hemm dovut Lm75 (hamsa u sebghin Lira Maltin) bhala “excess” lill-attur Jones.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, tikkundanna thallas is-somma ta’ hames mija u erbgha u sittin Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm564.87) lill-attur, bl-interessi mid-data tas-sentenza, u bl-ispejjes kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------